# QASSIS ĠDID (*)

## SUNETT.

Rasu mżejna bil-ward, dak fommu hieni
sejjaħlek l-Għana: int għaddejt u rfistu:
rażżant ir-Rieda, w bħal Rażul qalbieni
ħaddant ma' sidrek is-salib ta' Kristu.

Tal-Ġilju safi li għożżejt minn kmieni
xterdet il-fwiħa, għax mill-pest ħaristu:
issa qtajt xewqtek: saċerdot għalbieni
messejt bil-jedd l-artal tal-Fidwa w bistu.

Oħroġ issa fil-Qasam; Alla miegħek.
Għallem, widdeb u wissi b'dik il-ħrara
li kellu wara d-Dawl l-Imgħallem tiegħek.

Ħobb fuq kollox il-Ħaqq u ħobb is-Sewwa:
inti kewbet is-safar ta' l-insara;
iddi bil-qawwa, imma iżjed bil-ħlewwa.

DUN KARM.

---

(*) Patri Frangisku M. Pisani O. E. S. A.